



Dokument ta' sessjoni

B8-0315/2016

2.3.2016

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsija għal tweġiba orali B8-0109/2016, B8-0110/2016, B8-0111/2016, B8-0112/2016, B8-0113/2016, B8-0114/2016 u B8-0115/2016

skont l-Artikolu 128(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-"Valutazzjoni teknika tal-Kummissjoni dwar l-esperjenza tal-Ftehim Kontra l-Kontrabandu u Kontra l-Falsifikazzjoni u r-Rinunzja Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2004 bejn Philip Morris International u kumpaniji affiljati, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha" u l-iskadenza imminenti tal-ftehim; (2016/2555(RSP))

Michael Theurer
f'isem il-Grupp ALDE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-"Valutazzjoni teknika tal-Kummissjoni dwar l-esperjenza tal-Ftehim Kontra l-Kuntrabandu u Kontra l-Falsifikazzjoni u r-Rinunzja Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2004 bejn Philip Morris International u kumpaniji affiljati, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha" u l-iskadenza imminenti tal-ftehim; (2016/2555(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Ftehim Kontra l-Kuntrabandu u kontra l-Falsifikazzjoni u r-Rinunzja Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2004 bejn Philip Morris International (PMI) u kumpaniji affiljati, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha,
 - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2016 intitolat "Valutazzjoni Teknika dwar l-esperjenza tal-Ftehim Kontra l-Kuntrabandu u Kontra l-Falsifikazzjoni u r-Rinunzja Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2004 bejn Philip Morris International u kumpaniji affiljati, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha" (SWD(2016)0044),
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li jħassar id-Direttiva 2001/37/KE¹,
 - wara li kkunsidra l-Protokol biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk adottat matul il-ħames sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk bid-Deċiżjoni FCTC/COP5 (1) tat-12 ta' Novembru 2012,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2007 dwar l-implikazzjonijiet tal-ftehim bejn il-Komunità, Stati Membri u l-kumpanija Philip Morris dwar l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi u l-kuntrabandu tas-sigaretti u dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar is-Sistema tat-Tranżitu Komunitarju²,
 - wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar it-tabakk (ftehim PMI) (O-000010/2016 – B8-0109/2016, O-000014/2016 – B8-0110/2016, O-000015 – B8-0111/2016, O-000016 – B8-0112/2016, O-000017 – B8-0113/2016, O-000018/2016 – B8-0114/2016 u O-000019/2016 – B8-0115/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kummerċ illeċitu ta' prodotti tat-tabakk, u b'mod partikolari l-kuntrabandu ta' sigaretti bil-kuntrabandu u ffalsifikati, jikkawża telf fid-dħul għall-UE u l-Istati Membri tagħha (f'termini ta' dwana, VAT u dazji tas-sisa) ta' aktar minn EUR 10 biljun fis-sena;

¹ ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1.

² ĠU C 227 E, 4.9.2008, p. 147.

- B. billi l-kuntrabandu tat-tabakk hu reat serju li jikkontribwixxi biex jiffinanzja attivitajiet oħra ta' kriminalità organizzata internazzjonali, inkluż it-traffikar tal-persuni, tad-drogi u tal-armi;
- C. billi l-frodi tat-tabakk iddgħajjed il-politiki kontra t-tipjip, b'hekk tinkoraġġixxi l-epidemija tat-tabakk, billi żżid l-aċċess għal prodotti (ta' spiss irħas) tat-tabakk, speċjalment għaż-żgħażagħ u gruppi bi dħul baxx;
- D. billi l-frodi tat-tabakk toħloq tħassib għas-saħħa pubblika, tippreżenta riskju akbar għas-saħħa mis-sigaretti ġenwini minħabba li s-sigaretti ffalsifikati huma mmanifatturati u impurtati llegalment u l-ingredjenti użati mhumiex magħrufa;
- E. billi, sabiex tiġi indirizzata l-problema tas-sigaretti bil-kuntrabandu u ffalsifikati, l-UE u l-Istati Membri (bl-eċċezzjoni tal-Iżvezja fil-każ tal-ftehimiet mal-British American Tobacco (BAT) u Imperial Tobacco Limited (ITL)) iffirmaw ftehimiet legalment vinkolanti ma' Philip Morris International (PMI) (2004), Japan Tobacco International (JTI) (2007), BAT (2010) u ITL (2010);
- F. billi l-ftehim PMI s'issa pprovda benefiċċji finanzjarji lil finanzi pubbliċi li jammontaw għal madwar EUR 1 biljun f'pagamenti annwali u EUR 68.2 miljun f'pagamenti ta' sekwestri, maqsuma bejn il-Kummissjoni (madwar 10 %) u l-Istati Membri (madwar 90 %);
- G. billi l-ftehim PMI se jiskadi fid-9 ta' Lulju 2016;
- H. billi kien hemm tibdil sinifikanti fl-ambjent tas-suq minn meta l-ftehim PMI attwali kien ġie ffirmat, partikolarment il-preżenza akbar ta' sigaretti mingħajr marka, spiss magħrufa bħala "cheap whites";
- I. billi kien hemm bidliet sinifikanti fl-ambjent regolatorju minn meta kien ġie ffirmat il-ftehim PMI attwali, b'mod partikolari l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u l-Protokoll għall-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk;
 1. Jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tagħha tal-ftehim PMI dwar it-tabakk; jiddispijaċih, madankollu, dwar iż-żmien li fih ġiet preżentata din il-valutazzjoni teknika;
 2. Jilqa' l-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk adottat fir-rigward tal-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk ("Protokoll FCTC") u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri ilestu l-proċess ta' ratifika malajr kemm jista' jkun;
 3. Jilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk);
 4. Jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim PMI effettivament laħaq l-

objettiv tiegħu li jnaqqas il-prevalenza tal-kuntrabandu PMI fis-suq tat-tabakk illeċitu tal-UE, kif muri mill-perċentwali inqas ta' madwar 85 % fil-volum ta' sigaretti PMI ġenwini sekwestrati mill-Istati Membri bejn l-2006 u l-2004; jinnota, madankollu, li skont il-Kummissjoni, it-tnaqqis fil-kuntrabandu ta' prodotti PMI ma wassalx għal tnaqqis kumplessiv ta' prodotti illeċiti fis-suq tal-UE; jinnota li l-kuntrabandu li jikkonsisti fi prodotti bil-kuntrabandu mill-manifatturi l-kbar qed dejjem aktar jiġi sostitwit minn prodotti oħra inkluż sigaretti bla marka ("cheap whites") tipikament manifatturati f'pajjiżi terzi;

5. Jenfasizza d-dikjarazzjoni fir-rapport tal-Kummissjoni li strumenti legalment vinkolanti u infurzabbli, flimkien ma' infurzar qawwi tal-liġi, huma l-għodda l-aktar effiċjenti biex jiġi żgurat tnaqqis sinifikanti fil-kummerċ illegali ta' prodotti tat-tabakk;
6. Ifakkar li, kif imsemmi fir-rapport tal-Kummissjoni, id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk diġà tistipula rekwiżit ġuridiku għal kumpaniji tat-tabakk biex jintroduċu u jżommu sistema ta' traċċar u rintraċċar, li se ssir effettiva fl-2019 l-aktar tard, u li l-Protokoll FCTC tal-2015 jipprovd i għal rekwiżit simili globali, li probabbilment se jsir effettiv l-aktar kmieni fl-2022 jew l-2023;
7. Jenfasizza li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiegħu passi immedjati biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk fl-Istati Membri kollha; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk fil-ħin, b'mod partikolari l-miżuri ta' traċċar u rintraċċar tagħha;
8. Jinsab imħasseb ħafna li l-baġit tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) hu parzjalment iffinanzjat mill-pagamenti annwali tal-industrija tat-tabakk, kif imsemmi fil-ftehimiet tat-tabakk, minħabba li dan jista' jwassal għal ċertu kunflitt ta' interess;
9. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiffoka fuq l-għodod leġislattivi Ewropej u internazzjonali sabiex tiġġieled kontra s-sigaretti ffalsifikati u bil-kuntrabandu;
10. Itenni l-ħtieġa kontinwa tal-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu, il-falsifikazzjoni u l-evażjoni tat-taxxa; hu tal-fehma li l-Kummissjoni għandha għalhekk tfittex modi li bihom tindirizza s-sitwazzjoni attwali b'mod trasparenti u responsabbli bl-involvement tal-Parlament Ewropew minħabba d-distakk possibbli bejn l-iskadenza tal-ftehim PMI attwalment fis-seħħ u d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk u l-Protokoll FCTC;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.